**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Iżvilupp*

**2018/2177(DEC)**

30.1.2019

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tat-tmien, tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2017 (2018/2177(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Nirj Deva

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifaħħar lill-UE għall-varar b'suċċess tal-Pjan ta' Investiment Ewropew u tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, issottolinjat bl-approvazzjoni ta' 28 għodda ta' garanzija li jammontaw għal EUR 1,54 biljun f'garanziji sa Novembru 2018, li mistennija jagħmlu disponibbli EUR 17,5 biljun f'investimenti totali; jissottolinja li s'issa għad m'hemm ebda evalwazzjoni dwar ir-riżultati tal-implimentazzjoni, u li kwalunkwe konklużjoni dwar it-twessigħ tal-mezzi u tal-kamp ta' applikazzjoni hija prematura; jirrileva l-konstatazzjoni tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-ħdax-il FEŻ li t-taħlit jimmobilizza biss riżorsi addizzjonali f'nofs il-każijiet; jiddispjaċih, għaldaqstant, li l-Kummissjoni pproponiet aktar mezzi għall-finanzjament imħallat għall-perjodu finanzjarju futur 2021-2027;

2. Jilqa' l-inklużjoni tal-FEŻ fil-baġit fil-proposta tal-Kummissjoni tal-Istrument futur tal-UE għall-Viċinat, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI);

3. Jirrileva l-konstatazzjonijiet negattivi ħafna mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar is-Sħubijiet Pubbliċi-Privati[1] (PPPs) u r-rakkomandazzjoni tal-Qorti "li ma jiġix promoss użu aktar intensiv u mifrux tal-PPPs" fi ħdan l-UE; jitlob li l-Kummissjoni tqis din ir-rakkomandazzjoni bis-sħiħ meta tittratta l-PPPs f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, fejn l-ambjent għal implimentazzjoni b'suċċess tal-PPPs huwa saħansitra aktar diffiċli milli fl-Unjoni;

4. Huwa preokkupat dwar il-konstatazzjonijiet tal-evalwazzjoni tal-ħdax-il FEŻ li tistqarr li "hemm theddida reali li l-FEŻ jiġi mġiegħel jirrispondi għal aġendi li jitbiegħdu mill-objettiv primarju tiegħu li jtaffi l-faqar, aġendi li diffiċilment jistgħu jiġu rikonċiljati mal-valuri fundamentali tal-FEŻ u jikkompromettu dak li l-FEŻ jirnexxilu jagħmel sew", u li "minkejja l-konsultazzjonijiet, il-fehmiet tal-gvernijiet u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (b'xi eċċezzjonijiet notevoli bħal fir-reġjun Paċifiku), rari li ġew ikkunsidrati fl-għażliet ta' programmazzjoni", u li "il-programmazzjoni tal-ħdax-il FEŻ b'hekk ħaddmet approċċ minn fuq 'l isfel biex tapplika l-prinċipju ta' konċentrazzjoni, iżda dan għamlitu akkost tal-prinċipju ċentrali ta' sħubija tal-Ftehim ta' Cotonou"; jiddispjaċih li l-Kummissjoni sal-lum injorat dawn il-konstatazzjonijiet kompletament;

5. Ifakkar fil-konstatazzjonijiet ewlenin tar-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-Fond Fiduċjarju Bekou, fosthom li l-istruttura tal-Fond kienet adatta għall-kuntest tar-Repubblika Ċentru-Afrikana u li l-effetti tiegħu kienu pożittivi; jissottolinja li din il-valutazzjoni kienet fil-biċċa l-kbira riflessa fil-konstatazzjonijiet tad-delegazzjoni *ad hoc* tal-Kumitat għall-Iżvilupp fir-Repubblika Ċentru-Afrikana fi Frar 2018, u li d-delegazzjoni kkonkludiet li "l-fond jista' jindirizza b'mod adegwat il-ħtiġijiet li jgħaddu mir-riabilitazzjoni, għall-provvista tal-mezzi tal-għajxien u għall-iżvilupp fuq medda itwal ta' żmien"; ifakkar li l-Fond ġie stabbilit bħala Fond Fiduċjarju ta' emerġenza tal-UE b'durata ta' 60 xahar, li jiskadi f'Lulju 2019, u li l-estensjoni tiegħu tidher li tkun

[1] Rapport Speċjali Nru 9/2018: Sħubijiet Pubbliċi-Privati fl-UE: Nuqqasijiet mifruxa u benefiċċji limitati

siewja, iżda se tirrikjedi l-approvazzjoni tal-Parlament;

6. Jieħu nota tal-kisbiet tal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-Afrika (EUTF); ifakkar, madankollu, li l-finanzjament tal-EUTF li ġej mil-linji baġitarji tal-iżvilupp m'għandux jintuża għal miżuri ta' sigurtà li jipperikolaw id-drittijiet tal-migranti; ifakkar li l-objettivi ewlenin tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE għandhom ikunu l-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli; jenfasizza li l-proġetti tal-EUTF iridu jintegraw id-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-ipprogrammar u jikkontribwixxu għat-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi kkonċernati; jirrakkomanda bil-qawwa li l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa jiġu promossi fil-programmi tal-EUTF, kif ukoll il-protezzjoni ta' dawk l-aktar vulnerabbli, inklużi t-tfal u l-persuni b'diżabilità;

7. Jieħu nota tal-bosta preokkupazzjonijiet li esprimew il-Qorti Ewropea tal-Awdituri[1] u l-awturi tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-ħdax-il FEŻ esprimew rigward l-implimentazzjoni tal-EUTF:

- F'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-proġetti, l-EUTF kellu biss impatt limitat fit-tħaffif tal-proċess, meta mqabbel mal-għajnuna tradizzjonali għall-iżvilupp;
- hemm ukoll tħassib dwar l-effikaċja u s-sostenibbiltà probabbli tal-proġetti tal-EUTF, u dwar kemm l-Unjoni hija kapaċi tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tagħhom;
- it-taqsimiet tal-Afrika ta' Fuq u tal-Qarn tal-Afrika ma għandhom ebda kriterju dokumentat għall-għażla fost il-proġetti proposti;
- hemm nuqqasijiet serji fil-kejl tal-prestazzjoni;
- ma hemm ebda qafas speċifiku għall-valutazzjoni tar-riskji;

iqis li, minħabba dawn il-konstatazzjonijiet, il-valur miżjud tal-EUTF huwa dubjuż ħafna;

8. Jiddispjaċih li n-nefqa rreġistrata fl-2017 skont it-tmien, id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il FEŻ hija materjalment milquta minn żbalji u li r-rata ta' żball qed tiżdied, bil-kontra tan-nefqa tal-baġit ġenerali tal-UE; jirrileva li l-iżbalji jsiru b'mod predominanti fi tranżazzjonijiet relatati ma' proġetti implimentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali u aġenziji ta' kooperazzjoni tal-Istati Membri, u li, fit-tranżazzjonijiet ta' dan it-tip li ġew eżaminati, 36 % kien fihom żbalji kwantifikabbli, li hija rata enormi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tipproduċi spjegazzjonijiet dettaljati b'reazzjoni għal dawn il-konstatazzjonijiet u tippreżenta lill-Parlament Ewropew pjan ċar li jiddeskrivi l-passi meħtieġa għall-korrezzjoni ta' din is-sitwazzjoni preokkupanti ħafna;

9. Jiddispjaċih li, f'kull rapport ta' attività annwali mill-2012 'il hawn, id-DĠ DEVCO kellu joħroġ riżerva dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, fatt li jindika nuqqasijiet serji fil-ġestjoni interna;

---

[1] Rapport Speċjali 32/2018.

10. Jirrileva l-konstatazzjonijiet negattivi tal-Qorti tal-Awdituri fil-qasam tal-appoġġ tal-UE għas-sigurtà Afrikana, li ta' spiss tiġi ffinanzjata permezz tal-FEŻ:

- It-tisħiħ tal-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà interna fin-Niġer u f'Mali seħħ bil-mod u hemm tħassib serju dwar is-sjieda u s-sostenibbiltà[1]
- L-appoġġ tal-UE għall-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà (APSA) ma kellux l-effett mixtieq[2].

Jenfasizza wkoll ir-riskju serju li l-appoġġ tal-UE, permezz tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika, lil suldati Burundjani li qed jipparteċipaw fil-missjoni tal-AMISOM jiffinanzja indirettament ir-reġim tal-Burundi, li huwa espost għal sanzjonijiet tal-UE; ifakkar li, għal ħafna snin, id-DĠ DEVCO esprima riżervi dwar l-infiq tiegħu fuq l-appoġġ għall-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika;

11. Iqis, f'dan il-kuntest, il-konċentrazzjoni dejjem akbar tal-UE fuq ir-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp bħala kwistjoni li tqajjem kwistjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja serja u soda, u jitlob li l-Kummissjoni u s-SEAE jħaddmu approċċ aktar prudenti għall-appoġġ tal-UE għas-sigurtà Afrikana;

12. Jesprimi tħassib kbir dwar il-fatt li, fis-snin 2016, 2017 u 2018, il-ġuħ qiegħed jiżdied madwar id-dinja kollha, u issa aktar minn 820 miljun persuna jbatu min-nuqqas ta' nutrizzjoni kronika, filwaqt li fl-istess ħin il-proporzjon tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp mill-UE u l-Istati Membri tagħha għas-sigurtà alimentari u tan-nutrizzjoni naqqset minn madwar 8 % fl-2014 għal 6 % fl-2016, u l-impenji baġitarji għas-sigurtà alimentari fl-ambitu tal-istrumenti ġestiti mill-Kummissjoni naqqsu b'mod sinifikanti fl-2017;

13. Jinnota li, fl-2017, il-Kummissjoni ffirmat kuntratti ma' aġenziji tan-NU għall-valur ta' aktar minn EUR 411-il miljun f'kontribuzzjonijiet mill-FEŻ, mal-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (EUR 166,33 miljun), mal-FAO (EUR 152,86 miljun) u mal-UNICEF (EUR 98,44 miljun) bħala l-akbar benefiċjarji, u kuntratti mal-Bank Dinji b'valur ta' EUR 92 miljun;

14. Jinsisti, fid-dawl tar-rwol importanti li għandu r-Renju Unit fl-iżvilupp, li jinżammu rabtiet mill-qrib bejn l-Unjoni u r-Renju Unit wara l-ħruġ ta' dan il-pajjiż, sabiex jiġi minimizzat it-telf li jirriżulta;

15. Itenni r-riżervi qawwija tiegħu dwar il-fatt li l-Kummissjoni ppreżentat Programm Indikattiv Nazzjonali għall-Eritrea u Programm ta' Azzjoni Annwali fl-2017, u li l-Kumitat tal-FEŻ adottahom, mingħajr evidenza konklużiva ta' riformi jew titjib fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eritrea; ifakkar fl-impenji tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli li jinfurmaw lill-Parlament regolarment f'dan ir-rigward.

16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi aħjar u tivvaluta ċar l-eżiti tal-iżvilupp li għandhom jinkisbu f'kull każ, u fuq kollox ittejjeb il-mekkaniżmi ta' kontroll rigward l-

[1] Ir-rapport Speċjali 15/2018, Tisħiħ tal-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà interna fin-Niġer u l-Mali: il-progress huwa limitat u miexi bil-mod.
[2] Rapport Speċjali Nru 20/2018: L-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà: jeħtieġ li l-appoġġ li jingħata mill-UE jiġi ffukat mill-ġdid.

imġiba tal-Istat benefiċjarju fl-oqsma tal-korruzzjoni, tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tal-istat tad-dritt u tad-demokrazija; jesprimi tħassib serju dwar l-użu potenzjali tal-appoġġ baġitarju f'pajjiżi neqsin mis-sorveljanza demokratika minħabba n-nuqqas ta' demokrazija parlamentari li tiffunzjona u ta' libertajiet għas-soċjetà ċivili u għall-midja, jew inkella minħabba n-nuqqas ta' kapaċità tal-korpi ta' sorveljanza;

17. Fid-dawl tal-bidla fil-modalitajiet tal-għajnuna minn għotjiet diretti għal fondi fiduċjarji u finanzjament imħallat, inkluż permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex jadottaw ftehim interistituzzjonali mal-Parlament Ewropew dwar it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-iskrutinju parlamentari, fuq il-bażi tal-prinċipji ta' politika stabbiliti fil-Kunsens Ewropew il-Ġdid dwar l-Iżvilupp;

18. Jilqa' l-proċess tan-negozjati ta' wara l-Ftehim ta' Cotonou biex jinżamm il-qafas AKP-UE;

19. Jissottolinja li huwa importanti ħafna li l-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jiġu appoġġjati, u jitlob b'mod partikolari li jiġu stabbiliti soluzzjonijiet lokali li jagħtu aktar aċċess għall-finanzi b'aktar tisħiħ tas-sistema ta' self u ta' garanziji mikrofinanzjarji;

20. Jitlob li l-programm "Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ" jiġi estiż lil hinn mill-Ewropa, b'mod partikolari għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, filwaqt li jiġu pprovduti l-mezzi finanzjarji neċessarji;

21. Jilqa' r-rakkomandazzjonijiet għal titjib fit-trasparenza tal-fondi tal-UE implimentati mill-NGOs ippubblikati fir-rapport speċjali 2018/35 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li, fost affarijiet oħra, tirrakkomanda li l-Kummissjoni ttejjeb l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar l-NGOs fis-sistema kontabilistika tagħha, u li l-Kummissjoni ttejjeb l-informazzjoni li tingħabar dwar il-fondi implimentati mill-NGOs; jitlob, għalhekk, li l-Kummissjoni timplimenta dawn il-proposti qabel tmiem il-mandat kurrenti;

22. Jitlob approċċ għall-iżvilupp abbażi ta' inċentivi permezz tal-introduzzjoni tal-prinċipju "aktar għal aktar", fuq l-eżempju tal-Politika Ewropea tal-Viċinat; jemmen li aktar ma pajjiż jimxi 'l quddiem u jħaffef fir-riformi interni tiegħu għall-bini u l-konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet demokratiċi, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, aktar għandu jirċievi appoġġ mill-Unjoni;

23. Jirrikonoxxi li ebda pajjiż ma żviluppa bla ma daħal f'aktar relazzjonijiet kummerċjali mal-ġirien tiegħu u mal-bqija tad-dinja; iħeġġeġ ulterjorment il-finanzjament ta' għajnuna għall-attivitajiet kummerċjali, sabiex il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp ikunu jistgħu jieħdu sehem ħafna iktar f'katini ta' valur globali fil-futur; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li qed isir aktar importanti li l-konnettività diġitali tikber, sabiex il-benefiċċji tal-globalizzazzjoni jitqassmu b'mod aktar bilanċjat favur il-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

24. Jissottolinja l-importanza ta' żieda fl-allokazzjoni ta' fondi maħsuba biex jappoġġjaw il-governanza tajba, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bil-għan jingiebu 'l quddiem istituzzjonijiet responsabbli u trasparenti, jiġi appoġġjat il-bini tal-kapaċità u jitrawmu proċessi deċiżjonali parteċipattivi u aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni;

25. Jenfasizza li huwa importanti li jkun hemm provvisti tal-ilma nadif u li jinbnew faċilitajiet addizzjonali għall-ilma ta' skart;

26. Jiġbed l-attenzjoni għall-iskala u l-implikazzjonijiet tal-faqar fl-enerġija fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u għall-involviment qawwi tal-Unjoni fl-isforzi biex dan il-faqar jitnaqqas; jissottolinja l-ħtieġa ta' sforzi qawwija u kkoordinati mill-gvernijiet u l-partijiet interessati fil-pajjiżi affettwati biex inaqqsu l-faqar fl-enerġija.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 22.1.2019 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 18<br>–: 0<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Mireille D'Ornano, Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Maria Heubuch, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Linda McAvan, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Lola Sánchez Caldentey, Elly Schlein, Bogusław Sonik, Eleni Theocharous, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Marina Albiol Guzmán, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Stefan Gehrold, Maria Noichl, Judith Sargentini |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 18 | + |
|---|---|
| ECR | Eleni Theocharous |
| PPE | Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Stefan Gehrold, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Bogusław Sonik, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko |
| S&D | Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Linda McAvan, Norbert Neuser, Maria Noichl, Vincent Peillon, Elly Schlein |
| VERTS/ALE | Maria Heubuch, Judith Sargentini |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 3 | 0 |
|---|---|
| EFDD | Mireille D'Ornano |
| GUE/NGL | Marina Albiol Guzmán, Lola Sánchez Caldentey |

Key to symbols:
\+ : favur
\- : kontra
0 : astensjoni